KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.12.2007
KUMM(2007) 839 finali

2007/0283 (CNS)

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja inkonnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda l-Anness I għall-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Att ta' l-2005 ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija[1] introduċa sistema simplifikata għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-konvenzjonijiet (u protokolli) konklużi mill-Istati Membri abbażi ta' l-Art. 34 TEU (qabel kien l-Art. K.3 TEU) jew l-Art. 293 KE. Fil-fatt mhux aktar meħtieġ, bħalma kien fl-imgħoddi, li jiġu negozjati u konklużi protokolli speċifiċi ta' adeżjoni għal dawn il-konvenzjonijiet (li jfisser li riedu jkunu ratifikati minn 27 Stat): L-Artikolu 3(3) ta' l-Att sempliċiment jipprovdi li l-Bulgarija u r-Rumanija jaderixxu għal dawn il-konvenzjonijiet u protokolli permezz ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

L-Artikolu 3(3) u 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jipprovdi, li għal dak l-iskop, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jiddetermina d-data li fiha jidħlu fis-seħħ dawn il-konvenzjonijiet għall-Bulgarija u r-Rumanija u biex jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa għal dawn il-konvenzjonijiet minħabba l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri ġodda (li fi kwalunkwe każ, iridu jinkludu l-adozzjoni tal-konvenzjonijiet fil-lingwi Bulgari u Rumeni, sabiex dawn il-verżjonijiet ikunu "ugwalment awtentiċi"). Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

L-Anness I ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jelenka l-konvenzjonijiet u l-protokolli kkonċernati.

Il-lista tinkludi l-Konvenzjoni 90/436/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja inkonnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati (l-hekk imsejħa Konvenzjoni ta' Arbitraġġ), il-Konvenzjoni tal-21 ta' Diċembru 1995 dwar l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja mal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ u l-Protokoll tal-25 ta' Mejju 1999 li jemenda l-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ.

Fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, fit-8 ta' Diċembru 2004, l-Istati Membri ffirmaw Konvenzjoni dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, mal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ.

Għalhekk jixraq li jkun hemm provvediment għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ, kif emendata permezz tal-Konvenzjoni tat-8 ta' Diċembru 2004 u dik il-Konvenzjoni għandha tiżdied ma' l-Anness I ta' l-Att ta' l-Adeżjoni. Għal dak il-għan, u b'konformità ma' l-Artikolu 3(6) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, il-Kummissjoni ħejjiet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill sabiex tiżdied mal-lista l-Konvenzjoni tat-8 ta' Diċembru 2004 dwar l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri ġodda mal-Konvenzjoni 90/436/KEE.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija intenzjonata biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni msemmija hawn fuq, skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

[1] ĠU 21.6.2005, L 157, p. 203.

2007/0283 (CNS)

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja inkonnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni 90/436/KEE tat-23 ta' Lulju 1990, dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja inkonnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati[4] (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ") ġiet iffirmata fi Brussel fit-23 ta' Lulju 1990 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

(2) Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ ġiet emendata bi Protokoll[5], iffirmat fil-25 ta' Mejju 1999, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2004.

(3) L-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja issieħbu fil-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ permezz ta' Konvenzjoni[6] iffirmata fil-21 ta' Diċembru 1995.

(4) Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja l-Islovenja u l-Islovakkja ssieħbu mal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ permezz ta' Konvenzjoni[7] iffirmata fit-8 ta' Diċembru 2004.

---

2 ĠU C , , p. .
3 ĠU C , , p. .
4 ĠU L 225, 20. 8.1990, p.10.
5 ĠU C 202, 16.7.1999, p. 1.
6 ĠU C 26, 31.1.1996, p. 1.
7 ĠU C 160, 30.6.2005, p. 1.

(5) L-Artikolu 3(3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 jipprovdi li l-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu mal-konvenzjonijiet u l-protokolli konklużi bejn l-Istati Membri elenkati fl-Anness I għall-Att ta' l-Adeżjoni, inkluż il-Konvenzjoni ta' Aribitraġġ. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Bulgarija u r-Rumanija fid-data deċiża mill-Kunsill.

(6) Skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005, il-Kunsill għandu jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa minħabba l-adeżjoni ma' dawk il-konvenzjonijiet u l-protokolli,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(2), il-punti (a) sa (y) huma mibdula b'dan li ġej:

(i) fil-Belġju:

(a) impôt des personnes physiques/personenbelasting

(b) impôt des sociétés/vennootschapsbelasting

(c) impôt des personnes morales/rechtspersonenbelasting

(d) impôt des non-résidents/belasting der niet-verblijfhouders

(e) taxe communale et la taxe d'agglomération additionnelles à l'impôt des personnes physiques/aanvullende gemeentebelasting en agglomeratiebelasting op de personenbelasting

(ii) fil-Bulgarija:

(a) данък върху доходите на физическите лица

(b) корпоративен данък

(iii) fir-Repubblika Ċeka:

(a) daň z příjmů fyzických osob

(b) daň z příjmů právnických osob

(iv) fid-Danimarka:

(a) indkomstskat til staten

(b) den kommunale indkomstskat

(c) den amtskommunale indkomstskat

(v) fil-Ġermanja:

(a) Einkommensteuer

(b) Koerperschaftsteuer

(c) Gewerbesteuer, safejn din it-taxxa tkun ibbażata fuq qligħ min-negozju

(vi) fl-Estonja:

(a) tulumaks

(vii) fil-Greċja:

(a) foros eisodimatos fysikon prosopon

(b) foros eisodimatos nomikon prosopon

(c) eisfora yper ton epicheiriseon ydrefsis kai apochetefsis

(viii) fi Spanja:

(a) Impuesto sobre la Renta de las Personas Físicas

(b) Impuesto sobre Sociedades

(c) Impuesto sobre la Renta de no Residentes

(ix) fi Franza:

(a) impôt sur le revenu

(b) impôt sur les sociétés

(x) fl-Irlanda:

(a) Income Tax

(b) Corporation Tax

(xi) fl-Italja:

(a) imposta sul reddito delle persone fisiche

(b) imposta sul reddito delle società

(c) imposta regionale sulle attività produttive

(xii) f'Ċipru:

(a) Φόρος Εισοδήματος

(b) Έκτακτη Εισφορά για την Άμυνα της Δημοκρατίας

(xiii) fil-Latvja:

(a) uzņēmumu ienākuma nodoklis

(b) iedzīvotāju ienākuma nodoklis

(xiv) fil-Litwanja:

(a) Gyventojų pajamų mokestis

(b) Pelno mokestis

(xv) fil-Lussemburgu:

(a) impôt sur le revenu des personnes physiques

(b) impôt sur le revenu des collectivités

(c) impôt commercial, safejn din it-taxxa tkun ibbażata fuq qligħ min-negozju

(xvi) fl-Ungerija:

(a) személyi jövedelemadó

(b) társasági adó

(c) osztalékadó

(xvii) f'Malta:

(a) taxxa fuq l-income

(xviii) fl-Olanda:

(a) inkomstenbelasting

(b) vennootschapsbelasting

(xix) fl-Awstrija:

(a) Einkommensteuer

(b) Körperschaftsteuer

(xx) fil-Polonja:

(a) podatek dochodowy od osób fizycznych

(b) podatek dochodowy od osób prawnych

(xxi) fil-Portugall:

(a) imposto sobre o rendimento das pessoas singulares

(b) imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas

(c) derrama para os municípios sobre o imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas

(xxii) fir-Rumanija:

(a) impozitul pe venit

(b) impozitul pe profit

(c) impozitul pe veniturile obținute din România de nerezidenți

(xxiii) fis-Slovenja:

(a) dohodnina

(b) davek od dobička pravnih oseb

(xxiv) fis-Slovakkja:

(a) daň z príjmov právnických osôb

(b) daň z príjmov fyzických osôb

(xxv) fil-Finlandja:

(a) valtion tuloverot/de statliga inkomstskatterna

(b) yhteisöjen tulovero/inkomstskatten för samfund

(c) kunnallisvero/kommunalskatten

(d) kirkollisvero/kyrkoskatten

(e) korkotulon lähdevero/källskatten å ränteinkomst

(f) rajoitetusti verovelvollisen lähdevero/källskatten för begränsat skattskyldig

(xxvi) fl-Isvezja:

(a) statlig inkomstskatt

(b) kupongskatt

(c) kommunal inkomstskatt

(xxvii) fir-Renju Unit:

(a) Income Tax

(b) Corporation Tax.

(2) Fl-Artikolu 3(1), jiġu miżjuda l-inċiżi li ġejjin:

– fil-Bulgarija:

Министъра на финансите или негов упълномощен представител,

– fir-Rumanija:

Agenția Națională de Administrare Fiscala.

Artikolu 2

Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ, kif emendata mill-Protokoll tal-25 ta' Mejju 1999, il-Konvenzjonijiet tal-21 ta' Diċembru 1995 u tat-8 ta' Diċembru 2004 u din id-Deċiżjoni, imfassla fl-ilsien Bulgaru u dak Rumen, u mehmuża ma' din id-Deċiżjoni, għandhom ikunu awtentiċi skond l-istess kundizzjonijiet bħat-testi l-oħrajn tal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ u tal-Protokoll.

Artikolu 3

Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ, kif emendata mill-Protokoll tal-25 ta' Mejju 1999, mill-Konvenzjonijiet tal-21 ta' Diċembru 1995 u tat-8 ta' Diċembru 2004 u minn din id-Deċiżjoni, tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2007 bejn il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Istati Membri l-oħra li għandhom fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ. Din tidħol fis-seħħ bejn il-Bulgarija, ir-Rumanija u kull Stat Membru ieħor fil-jum li l-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tidħol fis-seħħ għall-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President
[…]

ANNESS

It-test tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja inkonnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati, kif emendat mill-Protokoll tal-25 ta' Mejju 1999, il-Konvenzjonijiet tal-21 ta' Diċembru 1995 u tat-8 ta' Diċembru 2004 fl-ilsien Bulgaru u dak Rumen.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda l-Anness I għall-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 3(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[8],

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 jipprovdi li l-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu mal-konvenzjonijiet u l-protokolli li ġew konklużi bejn l-Istati Membri, elenkati fl-Anness I tiegħu.

(2) Fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, fit-8 ta' Diċembru 2004, l-Istati Membri ffirmaw Konvenzjoni dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, mal-Konvenzjoni tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati[9] (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ").

(3) Jixraq li jkun hemm provvediment għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ, kif emendata bil-Konvenzjoni tat-8 ta' Diċembru 2004. Għal dak il-għan, dik il-Konvenzjoni għandha tiżdied ma' l-Anness I ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness I ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 huwa emendat kif ġej:

Fil-punt 2, għandu jiżdied l-inċiż li ġej:

---

[8] ĠU C , , p. .

[9] ĠU L 225, 20. 8.1990, p. 10.

« - Il-Konvenzjoni tat-8 ta' Diċembru 2004 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja inkonnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati (ĠU C 160, 30.6.2005, p. 1). »

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President